MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 219/2013/1

**Joseph u Monica konjugi Grima u**
**Nazzareno u Mary Grace konjugi Seguna**

**v.**

**Pierre Buontempo, Ruben u Romina konjugi**
**Buontempo**
**u Centre Travel Company Limited u**
**b’digriet tad-19 ta’ Mejju, 2000**
**gie kjamat in kawza Guido Grima**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ Pierre Buotempo, Ruben u Romina Mizzewgin Buontempo u Centre Travel Limited li permezz talbu li din il-Qorti tordna s-sospensjoni tas-sentenza moghitja minnha fl-ismijiet fuq premessi fil-5 ta’ April 2013 a bazi tal-Artiklu 823 (2) tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Rat ir-risposta tal-imsemmija Monica Grima, Nazzareno Seguna, Mary Grace Seguna u Olivia Ann Debattista illi qed jopponu ghal din it-talba;

Ikkunsidrat;

Illi l-artiklu 823 (2) tal-Kap 12 jawtorizza lill-Qorti biex
“… … … *tordna t-twaqqif tas-sentenza jekk* –
*(a) flimkien mat-talba taghha dik il-parti taghti garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tigix imhassra, maghduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-artiklu 266 (10) u*
*(b) jigi muri ghas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta’ l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kontrarja.*”

Illi f’kazi fejn l-esekuzzjoni tas-sentenza tkun se twassal ghal trasferiment ta’ propjeta` immobbli u specjalment fejn dan ikun ifisser zgombrament mid-dar ta’ abitazzjoni tad-debitur huwa naturali li fin-nuqqas ta’ ragunijiet sufficjentement gravi li juru l-kuntrarju, tali esekuzzjoni tkun tfisser pregudizzju akbar f’kaz li dik l-esekuzzjoni tibqa’ ghaddejja milli kieku titwaqqaf sakemm jigu decizi l-proceduri ta’ talba ghal smiegh mill-gdid. F’dan il-kaz ma ngiebu ebda ragunijiet li juru li ma huwiex hekk.

Fl-istess waqt il-ligi tipprovdi li ghandu jkun hemm garanzija adekwata ghas-sospensjoni. Fil-kaz prezenti, ir-rikorrenti Pierre Buontempo qed jissotometti illi d-dar fejn joqghod tipprovdi garanzija adegwata izda l-intimati qed jissotomettu da parti taghhom illi bl-ispejjez ta’ dawn il-proceduri kollha se jkun difficli ghalihom li jirkupraw dawn il-flejjes kollha anke bil-bejgh in subasta eventwali. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti jidhrilha li r-rikorrenti ghandu jipprezenta garanzija sufficjenti ghall-hlas tas-**sorte** (li

skont is-sentenza ta' din il-Qorti maghha huma dovuti wkoll imghaxijiet mill-1998 li pero` l-Qorti mhix se zzid ghall-fini ta' dan il-provvediment appuntu minhabba ghall-inqas jidher li hemm ukoll il-propjeta` immobbli msemmija li qed taghmel tajjeb).

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza tal-5 ta' April 2013 fuq imsemmija b'dan li l-istess rikorrenti ghandhom fi zmien xahar mil-lum jipprovdi garanzija ghas-somma ta' 46, 587.47 euros ai termini tal-artiklu 823 (2) (a) fuq imsemmi; Spejjez ta' dan l-incident bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------